**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAL-25 TA' JANNAR, 2002.**

**Citazzjoni numru 834/01**

**Borg Cold Stores Limited**

**Vs.**

**P'Mans Group**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li bih is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenuti huma debituri versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elf, erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1489.49), rapprezentanti servizz ta' 'storage' lilhom moghti mu mhux imhallas kif jidher mill-"invoice" hawn annessa u immarkata 'Dokument A';

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu, u dan anke permezz ta' l-ittra bonarja datata 2 ta' Frar, 2001, izda baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' elf, erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1489.49), rapprezentanti servizz ta' 'storage' lilhom moghti u mhux imhallas.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 2 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data ta' 'invoice' sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u ;naqsu li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**Imhallef**

**Dep. Registratur**